Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 35/2005

**Peter Attard (appellant)**

**Vs**

**Lawrence u Carmen konjugi Fino (appellat)**

28 ta' Marzu, 2017.

1. L-attur harrek lill-konvenuti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-hlas ta' Lm2,250.91 (VAT inkluz) ghall-materjal u xoghol li ghamel fuq inkarigu taghhom fil-fond 7,8 u 9, Qui-si-Sana, Sliema.

2. Il-konvenuti wiegbu li:
   i. L-ebda hlas mhu dovut ghaliex l-attur kien accetta s-somma ta' Lm1,822.67 offrut lilu bhala pagament ghas-saldu[1].
   ii. F'kull kaz il-kont rilaxxat ghal xoghol extra kien eccessiv u ma jirriflettix il-prezzijiet tas-suq.

3. B'sentenza ta' din il-qorti tat-28 ta' Marzu, 2008 irrevokat is-sentenza preliminari tal-ewwel qorti li kienet laqat l-ewwel eccezzjoni li biha l-konvenuti nvokaw l-estinzjoni tal-obbligazzjoni permezz ta' pagament li qalu li sar ghas-saldu (ara ittra datata 22 ta' April, 2004 a fol. 16).

4. B'sentenza tal-4 ta' Mejju, 2015 il-qorti cahdet it-tieni eccezzjoni u laqat it-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' €1,426.46 VAT inkluz, bl-imghax mit-23 ta' Gunju, 2004, bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

5. L-attur appella. L-aggravji huma:

   i. Dwar is-somma ta' Lm250 li l-ewwel qorti naqset mill-istima li ghamel il-perit tekniku.
   ii. Ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni ghalfejn l-ewwel qorti naqset is-somma ta' Lm200 bhala 'cost' ghall-attur (cioe' VAT eskluz) mill-ammont li talab.
   iii. Is-somma ta' Lm712.52 hi dovuta bhala parti mill-hlas li kien dovut lill-attur bhala parti mill-qliegh li gie li tilef meta hareg l-ircevuta fiskali. M'hemm xejn fl-att promotur li jista' jwassal li din ic-cifra m'hijiex inkluza. Meta l-konvenut hallsu s-somma ta' Lm5,462.67, kien hemm

[1] Eccezzjoni deciza b'mod finali b'sentenza ta' din il-qorti fit-28 ta' Marzu, 2008.

inkluz is-somma ta' Lm712.52 li kien parti mill-qliegh tal-attur. Pero' dan il-qliegh gie mcahhad lill-attur meta hareg l-ircevuta fiskali.

iv. L-ispejjez ghandu jaghmlu tajjeb ghalihom il-konvenuti.

6. Il-konvenuti wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell m'ghandux jintlaqa' u ppproponew appell incidentali peress li l-ewwel qorti ordnat li l-imghax jithallas mit-23 ta' Gunju, 2004. Il-konvenuti jsostnu li l-imghax hu dovut minn meta gie likwidat l-ammont gust li kien dovut. Dan peress li ma kienx hemm ftehim dwar il-prezz ta' xogholijiet li saru mill-attur.

7. Fir-rigward tal-meritu, il-qorti kienet inkarigat lill-perit tekniku Godwin Abela li hejja rapport fejn ikkonkluda li l-ammont li kien ghadu dovut mill-konvenuti kien ta' Lm727.50 (€1,694.62) li ma kienx jinkludi fih il-VAT.

8. Wara li l-qorti qrat l-atti, jirrizulta li:

i. L-attur ghamel xoghol ta' elettriku u plumbing fuq inkarigu tal-konvenuti.

ii. Il-pretensjoni tal-attur hi spjegata f'dokument A (fol. 2) datat 7 ta' Mejju, 2004.

iii. Il-konvenuti ma qablux mal-kontijiet li hareg l-attur fis-7 ta' Jannar 2004 (Dok. B-D mehmuza mal-avviz). Fil-fatt inkarigaw lill-inginier J. Muscat biex jaghtihom parir, u ghamel rapport tal-ammont dovut (Dok. LF2 a fol. 18). Kienu l-konvenuti li pprezentaw dan id-dokument (fol. 15) man-nota tal-eccezzjonijiet, fejn fit-tieni eccezzjoni qalu li: *"fil-meritu, l-ammont reklamat lanqas, ma huwa dovut ghax il-kont rilaxxat ghax-xoghlijiet extra kien eccessiv u ma jirriflettix il-prezzijiet tas-suq u dana kif jidher mir-rapport datat it-8 ta' April, 2004 rilaxxat mill-Inginier Joseph Muscat"*. Meta tipparaguna c-cifri li ssemmew f'dan ir-rapport mal-kontijiet tal-attur, hu evidenti li t-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud thalliet barra mir-rapport tal-inginier Muscat. L-attur xehed li qabel beda x-xoghol, kien hareg stimi datati 5 ta' Lulju 2002 (fol. 33), u pprezenta kopja taghhom (fol. 46-50). Mir-rapport tal-inginier Muscat (fol. 18) jirrizulta li l-konvenuti kienu accettaw dawk l-istimi, tant hu hekk li jissemmew. Hu veru li l-istimi li gew prezentati mill-attur m'humiex iffirmati mill-konvenuti, madankollu mir-rapport tal-inginier Muscat jirrizulta li accettawhom. Ghalhekk Il-VAT li jissemma fihom ghandu jizdied. Fin-nota ta' sottomissjonijiet il-konvenuti argumentaw:

*"Ma setax l-attur johrog kont finali, jithallas, u ghax jirrilaxxa ricevuta fiskali jippretendi li jigi rimborzat b'xi somma bhala vat li tkun gia' giet inkluza fil-kont mahrug minnu".*

Pero' kemm fl-istima u wkoll fil-kont finali l-attur zied il-VAT. Ghaldaqstant, il-VAT ma kienx xi *after thought* tal-attur. Il-konvenuti qalu wkoll:

*"L-attur stess ighid in kontro-ezami li fuq il-kuntratt principali huwa kien thallas, inkluz il-vat (ara seduta peritali tat-30 ta' Marzu 2009). Bir-ragunar tal-attur l-esponent jigi li jkun hallas il-vat darbtejn !!"*.

Hu minnu li l-attur xehed hekk, ghalkemm fl-affidavit[2] qal mod iehor (ara paragrafu 2). Pero' bir-ragun li l-attur xehed li kien thallas il-VAT tal-kuntratt principali gialadarba minghand il-konvenuti rcieva pagamenti fis-somma komplessiva ta' Lm5,462(€12,723), li kienet iktar mill-valur tal-*main contract works* ta' elettriku u plumbing. Ghalkemm fit-twegiba l-konvenuti qalu li VAT mhux dovut:

*"(….) peress illi skont il-ligi meta persuna tibghat kont u fih ma jkunx hemm l-ebda riferenza ghal VAT dan huwa konsidrat bil-ligi li jkun jinkludi fih il-VAT"*.

Il-konvenuti huma zbaljati ghaliex kemm fl-istimi tal-5 ta' Lulju, 2002 u fil-kontijiet tas-7 ta' Jannar 2004 tissemma espressament il-VAT.

iv. Mill-kontijiet tal-attur u r-rapport tal-inginier Muscat hu evidenti li l-kwistjonijiet bejn il-kontendenti kienu dwar:

(a) **ELV System** – l-attur jippretendi hlas ta' Lm390 (mhux inkluz il-VAT) u l-konvenuti accettaw li jhallsu biss is-somma ta' Lm192.
(b) **Extra Works tal-Plumbing** – l-attur jippretendi hlas ta' Lm864 (mhux inkluz il-VAT) u l-konvenuti accettaw li jhallsu s-somma ta' Lm602.50.
(c) **Electrical Works (*Main Contract*[3] *u Extra Works*)** – l-atturi jippretendi hlas ta' Lm2,893[4] fuq il-*main contract* u Lm1,285.27 ghal xoghol addizzjonali (mhux inkluz il-VAT), u l-konvenuti accettaw li jhallsu Lm2,738 ghal main contract u Lm830.17 ghal extra works.

9. Il-perit tekniku gustament illimita ruhu biex jaghti stima ta' prezzijiet fuq l-items li dwarhom hemm dizgwid bejn il-kontendenti, ghal dak li jirrigwarda ELV system, *extra works* tal-plumbing u elettriku, u *main contract works variations* fir-rigward tal-elettriku (ara skeda mehmuza mar-rapport). Fir-rapport l-*extra works* kollha li saru mill-attur, l-ELV system u l-*main contract works variations* fir-rigward tal-elettriku ghandu jkollhom total ta' Lm2,702.77 **(€6,295.76) [ara l-ahhar faccata tal-iskeda mehmuza mar-rapport,**

[2] Datat 13 ta' Marzu, 2009.
[3] Fir-rigward tas-somma ta' Lm155(€361).
[4] L-istima datata 5 ta' Lulju, 2002 kienet ghal Lm2540.

**fil-kolonna PERIT GUDIZZJARJU]**. F'dan l-ammont hemm inkluz l-istima tal-perit tekniku fir-rigward tal-items li dwarhom il-kontendenti ma qablux. Fir-rapport il-perit tekniku kkonkluda hekk:-

*"I. Illi fl-opinjoni tieghu, mill-ezercizzju li ghamel li jinsab fuq Dok A hawnhekk anness formanti parti integrali minn din ir-relazzjoni, jirrizulta li l-ammont li baqa' dovut mill-konvenuti lill-attur ghal dawk l-imsemmija extra works u/jew fejn ma kienx hemm qbil fuq rati, kien ta' Lm727.50 (seba' mija u tnejn u sebghin liri Maltin) ekwivalenti ghal €1,694.62 (elf sitt mija erbgha w disghin ewro w tnejn w sittin ewrocentezmi)*

*II Illi dan il-bilanc ta' €1,694.62 dovut mill-konvenut lill-attur ma jinkludix il-VAT".*

Sussegwentement, in eskussjoni il-perit ikkonferma li:

i. Dwar item VOE5 il-hlas dovut hu ta' Lm65 (€151.41) u mhux Lm10(€23.29) kif jinghad fl-iskeda, u li jfisser li mat-total fuq imsemmi ghandha tizdied is-somma ta' Lm55(**€128.12)**;
ii. Trid tizdied is-somma ta' Lm62**(€144.42)** li tirreferi ghall-items 1,2,3,8 u 9 ta' Dok. E (fol. 8). Pero' minn dak li ddikjara l-attur f'paragrafu 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet u d-difensur tieghu waqt it-trattazzjoni, hu evidenti li rrinunzja ghal din is-somma[5].

B'din ir-revizjoni t-total ghandu jkun: **€6,423.88 (mhux inkluz VAT)**.

Ghal kumplament hadd mill-partiijet ma kkontesta l-istimi li ghamel il-perit tekniku (ara skeda fejn fit-tielet kolonna hemm l-istimi tal-perit tekniku).

Ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' €1,694.62 li ssemmiet mill-perit tekniku bhala l-ammont dovut lill-attur (mhux inkluz VAT)[6], mill-iskeda jirrizulta li l-perit tekniku wasal ghal dan it-total billi naqas l-istima tieghu (**€6,295.76**) minn dik tal-inginier Muscat (**€4,601.14**). Pero' wiehed ma jistax jasal ghall-hlas li kien dovut lill-attur minghajr ma jqies l-istampa kollha, gialadarba l-appalt kien wiehed. Jidher li l-attur minflok ikkritika din il-konkluzjoni spicca jaghmel ezercizzju li bih iktar hawwad il-borma minflok irraguna b'mod semplici (ara paragrafu 5 tan-nota ta' sottomissjonijiet). Wiehed irid jiftakar li l-avviz kien jaqra hekk:

*"thallsuh solidalment bejnietkom is-somma ta' elfejn, mitejn u hamsin lira Maltija u wiehed u disghin centezmu (Lm2250.91) (VAT inkluz)* ***skont l-anness rendikont Dok. A****, rapprezentanti il-bilanc totali ta' hlas ghal xoghol ezegwit u materjal uzat fuq inkarigu u a beneficcju taghkom in solidum fil-flats numru 7, 8 u 9 Qui si Sana, Sliema, kif jirrizulta dettaljament fl-annessi invoices numri 1175, 1176 u 1177 hawn immarkati Dok. B,C u D u kont ulterjuri mmarkat Dok. E".*

---

[5] *"(.....) u anke fuq dak l-ammont ta' €109 liri Maltin qed nirrinunzjaw ghalih biex effettivament it-talba globali tal-attur flok it-Lm2250 ghandha tkun Lm2146".*
[6] Ara paragrafu II tal-parti tar-rapport intestata KONKLUZJONIJIET.

Dok. A hu r-rendikont li fih hemm migbur kollox, u Dok. B, C u D jirreferu ghall-appalt intjier. M'huwiex possibbli li tiddeciedi jekk is-somma reklamata fl-avviz (Lm2250.91 u li tissemma fir-rendikont Dok. A) hijiex dovuta minghajr ma tqies il-kontijiet tal-appalt u l-pagamenti kollha li saru mill-konvenuti. Hekk biss wiehed jista' jasal ghal bilanc li hu attwalment dovut lill-attur.

10. Ghaldaqstant, fir-rigward ta':

- Invoice 1175 (ELV system), skont il-perit tekniku l-hlas dovut hu Lm320 **(€745.40)**;

- Plumbing Works (Invoice 1176) –
  (a) Main contract - Lm1,300 **(€3,028.19)** m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet (ara kont tal-attur u rapport tal-inginier Muscat);
  (b) Extra works – skont il-perit tekniku l-hlas dovut hu Lm763.50 **(€1,778.48)**;

- Electrical Works (Invoice 1177) –
  (a) Main contract – M'hemmx kontestazzjoni dwar is-somma ta' Lm2,738 **(€6,377.82)**, u skont il-perit tekniku fir-rigward ta' *Main Contract Electrical Works Variations* ma kellux isir tnaqqis ta' Lm155**(€361.05)** li ghamel l-inginier Muscat fir-rigward ta' Items 5, 10 u DB no.2[7] (ara raba' pagna tal-iskeda li hejja l-perit tekniku u mehmuza mar-rapport). Ghalhekk din ic-cifra trid tizdied bhala dovuta lill-attur.
  (b) Extra works – skont l-iskeda li hejja l-perit tekniku l-hlas dovut hu Lm1,142.27 (**€2,660.77**), li pero' maghha trid tizdied is-somma ta' Lm54.99 (**€128.1)** (ara paragrafu 9(i) ta' din is-sentenza).

Meta tghodd dawn ic-cifri, it-total hu Lm6,473.76(€15,079.80) li maghha jrid jizdied il-VAT fl-ammont ta' Lm971.06(€2,261.97) (15% li kienet ir-rata li tapplika dak iz-zmien) = **Lm7,444.82 (€17,341.77)**.

11. Hemm qbil li t-total ta' pagamenti li ghamlu l-konvenuti hu ta' **Lm5,462.67(€12,724.60)**. Fil-fatt fit-8 ta' Mejju, 2004 l-attur hareg ricevuta fiskali ghal din is-somma (fol. 51).

Ghaldaqstant il-bilanc li suppost ghadu dovut hu: **Lm1,982.15(€4,617.17) [€17,341.77 - €12,724.60 = €4,617.7)**.

Pero' fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur ha l-posizzjoni li l-ammont dovut hu **Lm1,886.02 (€4,393.25)**, li hi nqas mis-somma effettivament dovuta.

[7] Dawn jirreferu ghal: 1) Double pole switch for water heater – 3 in no; 2) Emergency Lights – 13 in no; 3) Distribution Box no. 2.

Ladarba dik kienet il-posizzjoni li ha l-attur proprju qabel inghatat is-sentenza mill-ewwel qorti, dik hi s-somma li ser jinghata.

12. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ser tghaddi biex tikkummenta dwar dak li qalet l-ewwel qorti fil-parti tas-sentenza ntestata *"Kunsiderazzjoni ta' dina l-Qorti"*:-

i. Hu veru li l-attur xehed in kontro-ezami: *"Qed nigi mistoqsi jekk dwar il-ftehim u l-kwotazzjoni originali kontx thallast ghax-xoghol miftiehem u nghid li thallast inkluz il-VAT.* ***Nikkonferma li l-problema ezistenti bejnietna tirrigwarda l-extra works li dwarhom jiena ma kontx hrigt kwotazzjoni"***. Pero' m'huwiex possibbli li f'dan il-kaz tasal ghal konkluzjoni korretta minghajr ma jsir l-ezercizzju li ghamlet din il-qorti. L-appalt kien wiehed, u l-hlas li talab l-attur hu spjegat f'Dok. A mehmuz mal-avviz. Il-qorti hi tal-fehma li dan il-kaz gie kkumplikat bla bzonn minhabba nuqqas ta' konsistenza bejn dak li xehed fl-affidavit (paragrafu 2) u l-estratt riprodott hawn fuq mill-kontro-ezami tieghu.

ii. L-*extra works* li saru mill-attur m'humiex biss dawk li l-perit tekniku qal li ghandhom valur ta' €1,694.62. Dan jirrizulta mill-kontijiet tal-attur, ir-rapport tal-inginier Muscat u wkoll mill-iskeda mehmuza mar-rapport tal-perit tekniku (ara wkoll paragrafu 9 ta' din is-sentenza).

iii. Mill-istima tal-perit tekniku l-ewwel qorti naqset is-somma ta' Lm250 fir-rigward ta' itema VO ELV1 u VO ELV2 ghaliex qalet li dawn ma kinux extra works u l-inkarigu li nghata l-perit tekniku kien biex jaghmel stima tal-*extra works*. Fil-verbal tas-26 ta' Novembru, 2008 intqal: *"Il-partijiet qeghdin jaqblu li jigi nominat espert tekniku sabiex jaghmel stima ta' xoghol extra li sar f'dan il-kaz"* (fol. 97). Fil-fehma ta' din il-qorti dawk l-items ukoll jistghu jitqiesu bhala extra works gialadabra fir-rapport tal-inginier jinghad *"Quotation: Not available"*. Alternattivament ser ikun ifisser li l-attur mhux ser jithallas ghal dak ix-xoghol, u liema xoghol jissemma fir-rendikont Dok. A mehmuz mal-avviz.

iv. L-ewwel qorti ghamlet ukoll riferenza ghas-somma ta' Lm200 li l-inginier Muscat kien naqqas mill-kont bhala *discount*. L-attur argumenta li qatt ma kien hemm ftehim li jinghata xi discount. Fil-fatt m'hemmx prova li kien sar xi ftehim f'dak is-sens. Il-qorti qalet: *"Apparti l-fatt li fl-avviz promotorju u fid-dokumenti mieghu annessi, ma hemm imsemmi ebda discount imsemmi, illum li l-Qorti ghandha l-konfort ta' stima tax-xoghlijiet addizzjonali maghmula minn espert tekniku indipendenti, imqabbad minnha stess. Il-perit tekniku ma deherlu li ghandu jinghata l-ebda skont lill-konvenuti, u ghalhekk din il-qorti hija tal-opinjoni li din is-sottomissjoni tal-attur hija illum sorvolata bir-relazzjoni tal-perit tekniku l-AIC Godwin Abela"*. Fir-realta' l-materja

dwar discount kienet tkun rilevanti kieku il-perit tekniku naqqas is-somma ta' Lm200 mill-istimi li ghamel. Haga li m'ghamilx u ghalhekk hu argument ghal kollox irrilevanti.

13. Fir-rigward tal-imghax legali, il-qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel qorti. F'dan il-kaz l-attur ma talabx lill-qorti sabiex tillikwida hlas dovut lilu. L-ammont pretiz minnu kien ta' somma determinata. Il-fatt li l-qorti naqset dik is-somma ma jfissirx li m'ghandux jiddekorri mghax fuq dik il-parti li fil-fatt hi dovuta. F'dan il-kaz il-konvenuti kienu qeghdin isostnu li l-ebda hlas ma kien dovut lill-attur. Min-naha l-ohra b'din is-sentenza ser jigi ridott parti zghira mill-ammont pretiz mill-attur. Din hi raguni ohra ghalfejn ma jregix l-argument tal-konvenuti dwar l-imghax.

**Ghar-ragunijiet li nghataw hawn fuq:**

1. **Tilqa' t-talba tal-attur u tvarja s-sentenza tal-ewwel qorti tal-4 ta' Mejju 2015 billi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' erbat elef tlett mija u tlieta u disghajn ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€4,393.25), u spejjez tal-ewwel istanza jinqasmu in kwantu ghal 84% a karigu tal-konvenuti u 16% a karigu tal-attur. Peress li fl-imsemmi ammont hemm element ta' VAT, tiddikjara li fuq 15% minn din is-somma m'ghandux jiddekorri imghax[8]. Ghal kumplament tikkonferma l-ewwel sentenza.**
2. **Spejjez tal-appell a karigu tal-konvenuti.**
3. **Tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

Anthony Ellul.

[8] Il-qorti qeghda tirreferi ghas-somma ta' €659 li fuqha ma jiddekorrix imghax gialadarba m'hemmx prova li l-attur diga' hallsu lid-Dipartiment.